MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1869/2004

**Deguara Bernard ID 207366M**

**Vs**

**Sciberras Beverly ID 23161A**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Ottubru 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' kera.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti ta' kera dovuti in forza ta' ftehim ta' lokazzjoni datat 28 ta' Marzu 2003 u b'digriet tas-26 ta' April 2005, illi fejn tidher is-sena “2003” ghandha tigi taqra “2004” ghall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2003 sal-14 ta'

Settembru 2003, kif ukoll ghal spejjez ta' tigdid ta' licenzji gravanti l-istess fond.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorju u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
a. Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk kien hemm nuqqas dan kien tort assolut da parti tal-attur li qed jipprova jonqos mir-responsabilitajiet tieghu.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghal hlas ta' arretrati ta' kera in forza ta' ftehim ta' lokazjoni datati 28 ta' Marzu 2003.

Illi mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuta ghada fil-pussess ta' l-istess fond, pero` minhabba divergenzi li nqala bejniethom, huwa divergenzi mhumiex meritu ta' din il-kawza u lanqas ghandhom jigu quddiem dan it-Tribunal, izda kellhom jitqajmu go forum iehor, l-attur qed jirriklama kera ta' l-okkupazzjoni tal-fond mikri u generament il-konvenut.

Illi l-konvenuta xehedet u qajmet diversi punti biex tattakka l-istess konvenut, pero` l-kwistjoni hija limitata fuq il-kera, d-difiza tal-konvenuta ma tikkoncerna l-ebda talba. L-attur qed jirreklama s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) dovuti ghal kera bejn il-21 ta' Lulju u 14 ta' Settembru 2003 u ossia fis-somma ta' tmien mija u erbghin lira (Lm840) differenza ghal ammont ta' sentejn li baqghu fuq l-attur u ma thallsux mill-konvenut. Mhux kontestat li l-pussess u kontestazzjoni ghadu f'idejn il-konvenuta u dina qed tirrifjuta li thallas l-istess minhabba diversi allegazzjonijiet.

Illi l-konvenuta ma tistghax tippretendi li tokkupa fond, sia ex contractu jew relokazzjoni, taghmel u ma taghmilx uzu minnhu u tippretendi li ma thallasx kera minhabba diversi divergenzi li fuqhom ghandhom ma gewx puntwalizzati. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi, t-talbiet attrici huma fondati.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannaha thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bl-ispejjes u nteressi kif mitluba, salv kull azzjoni tal-konvenuta u temi kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------